DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1654

tas-27 ta' Settembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 ([1]).

(2) Fis-6 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2161 ([2]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 u li testendi l-perjodu ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha sas-17 ta' Ottubru 2022.

(3) Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, li jaġixxi f'isem iċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir talab estensjoni ta' 3 xhur tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 sas-17 ta' Jannar 2023, fid-dawl tad-dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

(4) It-tkomplija tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 sas-17 ta' Jannar 2023 tista' titwettaq mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fis-17 ta' Jannar 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1788 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent (ĠU L 293, 20.11.2018, p. 11).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2161 tas-6 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent (ĠU L 436, 7.12.2021, p. 46).

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. NEKULA